**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 45 – IL-ĦAMIS 6 TA' SETTEMBRU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsilliera tkellmu mar-residenti fi Triq San Anton, Ħal Balzan, dwar il-problema ta' għargħar wara l-maltempa ta' ftit ġranet qabel. Wara, il-Kunsilliera tkellmu wkoll mas-Sur Mark Sciberras u s-Sur Saviour Sammut dwar pubblikazzjoni ta' ktieb b'informazzjoni u storja ta' Ħal Lija.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-LAQGĦA NUMRU 44

1.1 Il-minuti numru 44 inqraw u wara dawn ġew approvati tliet voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sur Massimo Scerri u astjenew is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr Marc Sant.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata bi tliet voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sur Massimo Scerri u astjenew is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr Marc Sant.

## 2. OFFERTI TAL-LATRINI PUBBLIĊI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-offerti dwar il-latrini pubbliċi u għamara tat-Toroq, kienu ġew ippublikati fil-gazetta tal-Gvern nhar it-Tlieta 28 ta' Awissu 2012.

2.2 Dawn l-offerti jagħlqu l-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2012, u għal din ir-raġuni f'din il-ġurnata għandu jkun hemm preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, wieħed mill-Kunsilliera biex jinfetħu u jiġu rreġistrati l-offerti mitfuħa.

## 3. PPP – TOROQ

3.1 Il-Perit John Rizzo Naudi, il-*Contract Manger* ta' dan il-Kunsill kien preżenti waqt din id-diskussjoni dwar PPP – Toroq.

A. WATER CULVERT / RAMPI

3.2 Il-Kunsill approva unanimament li minbarra r-rampa bħala 'traffic calmer' fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija, ħdejn il-Plant Biotechnology Centre, għandha ssir rampa oħra fi Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq San Anton, Ħal Balzan.

3.3 Skont il-Perit John Rizzo Naudi, permezz ta' din ir-rampa, l-ilmijiet li jinżlu minn-naħa tal-Mirakli fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija, jiġu evitati l-kurrent qawwi ta' ilma tax-xita waqt il-maltemp.

3.4 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jieħu ħsieb jiġbor kwotazzjonijiet biex isiru dawn ir-rampi .

B. ĊERTIFIKAT TAX-XOGĦOL (ASFALTAR) FI TRIQ ANNIBALE PRECA

3.5 Il-Perit John Rizzo Naudi kien infurmat bl-ittri li l-Kunsill kien irċieva mingħand Transport Malta u mingħand id-Dipartiment tat-Toroq dwar it-talba tal-Kunsill biex dawn l-entitajiet jiċċertifikaw ix-xogħlijiet ta' asfaltar li saru fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija.

3.6 Dawn l-entitatjiet ikkonfermaw li fil-kuntratt tax-xogħol li sar permezz tal-PPP – Toroq, hemm stabbilit kif jistgħu jsiru dawn iċ-ċertifikati.

3.7 Il-Perit spjega li huwa kien ser jiġbor kwotazzjonijiet biex isiru testijiet li jiċċertifikaw ix-xogħol ta' asfaltar permezz ta' dan il-proġett.

## 4. ĦARĠIET KULTURALI

4.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsilliera approvaw unanimament biex il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza trasport għal dawk ir-residenti li jixtiequ jattendu għall-attivita' 'Birgu Fest' li ser issir nhar id-19 u l-20 ta' Ottubru 2012.

## 5. LAQGĦA

5.1 Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2012 fil-5:30p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris — Is-Sindku

Alfred Buhagiar — Aġent Segretarju Eżekuttiv